MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2009

Numru 371/2003

PULIZIJA
SPETTUR PRISCILLA CARUANA
VS
JOHN POLIDANO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, John Polidano, ta' 37-il sena, iben L' Rosario u Josephine nee' Farrugia, imwieled Pieta', data tat-twelid 29 ta' Lulju 1965 residenti 47/49 Triq id-Duluri Birzebbugia u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 360965(M).

Illi huwa akkuzat talli fit-Triq Zaren Dalli gewwa Birzebbugia fil-14 ta' Mejju 2002, fil-hinijiet bejn 02:30pm u 2:35pm ikkommetta serq ta' l-ammont ta' mitt Lira (Lm100) flus kif ukoll diversi oggetti li l-valur globali taghhom jeccedi l-mitt Lira Maltin izda ma jeccediex l-elf Lira Maltin ghad-dannu ta' Diana Sacco liema serq kien

ikkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa bi ksur ta’ l-Artikolu 261 (c) u (g), Artikoli 279 (a) u Artikoli 271 (g).

Barra minn din il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex titratta mall-hati bhala recediv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.2) u dak ta’ l-imputat (a fol.18) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Spettur Nadia Lanzon (a fol.19) xhedet illi fl-14 ta’ Mejju 2002, Diane Sacco kienet ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija li aktar kmieni, waqt li kienet marret tigbor it-tfal taghha mill-iskola tal-Gvern, Birzebbugia u kienet bil-karozza DSD 298, kienet sakkret il-bieba ta’ quddiem izda halliet il-bieba  ta’ wara miftuha u waqt illi kienet qed tistenna sabiex tigbor il-flus taghha, rat guvni b’xagharu qasir, jiftah il-bieba ta’ wara u serqilha l-baskett. Dan il-baskett kien jikkontjeni APS credit card, BOV deposit card, APS cheque book, mitt lira (Lm100) cash, ID card u driving license.

Diane Sacco xhedet illi hija kienet griet wara dan il-guvni illi pero’ rikeb go karozza ta’ kulur griz u deherilha illi n-numru tal-karozza kien EAN 359. Ikkonfermat ukoll illi f’din il-karozza, apparti l-halliel, kien hemm sewwieq. Illi wara l-investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija, gie maghruf illi n-numru tar-registrazzjoni EAN 359 ma kienx jezisti. Aktar tard fl-istess lejl, Diane Sacco regghet accediet fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Birzebbugia, akkumpanjata minn missierha u nfurmat lil Pulizija illi l-karozza illi fiha kien dahal il-halliel, kienet lemhitha waqt li hija kienet ghaddejjha fi Triq id-Duluri, Birzebbugia u hemmhekk indunat li n-numru tal-

karozza kien EAN 349. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija jirrizulta li din il-karozza kienet tghajjat lill-imputat John Polidano.

Mitkellem mill-Pulizija, l-imputat John Polidano pprezenta alibi fejn qal illi fil-ghodu kmieni kien mar id-Detox, l-Isptar, fejn iltaqa' ma' Surgent 134 Joe Attard u baqa' hemmhekk san-12:00p.m. Wara dan kien mar il-Karitas, fejn qaghad hemmhekk sal-5:00p.m. u wara dan kien mar id-dar u li kien gie migbur mill-Pulizija. Meta wasal biex jirredigi din l-istqarrija, pero' ta verzjoni differenti, fis-sens li filghodu kien mar id-Detox Centre u ghal habta tan-12:00p.m. kien mar il-Karitas, pero' ma damx hemmhekk u kwazi mill-ewwel telaq lejn St. Catherine's Band Club, iz-Zurrieq, liema Club kien ta' hu l-imputat. Mistoqsi dwar il-karozza EAN 349, *metallic grey*, l-imputat xhed illi din il-karozza kien halliha pparkjata fil-pjazza, vicin tal-kazin ta' huh u li dam fil-kazin sal-5:00p.m. Huwa qal li qatt ma hareg minn dan il-kazin hlief ghal habta tas-2:30p.m., 3:00p.m. meta kien mar ghand il-*hairdresser 'Strawberry Blonde'* sitwat quddiem il-kazin sabiex jaqta' xagharu. Izda fil-fatt, sid il-hanut kien okkupat wisq u ghamel appuntament ghal l-ghada. L-imputat innega illi hu kien nvolut f'din is-serqa. Nelfrattemp Diane Sacco kienet irceviet telefonata anonima, fis-sens li kien instab il-*handbag* taghha, b'xi affarijiet pesonali u ghaldaqstant PC 440 acceda ghal post indikat, sab il-baskett u dan gie moghti lil Forensic Unit. A fol.22 jirrizulta illi Diane Sacco, meta rat lill-imputat, l-Ghassa tal-Pulizija, infurmat lil Pulizija illi ma kinitx l-istess persuna li serqitilha l-baskett u qalet illi jista' jkun li kien id-*driver* li kien qed jistenna fil-karozza.

L-Ispettura Nadia Lanzon infurmat lil Qorti illi huma vverifikaw l-alibi ta' l-imputat u kellmu lin-nepputija tieghu, ta' sittax (16)-il sena u din ikkonfermat illi zijuha, l-imputat John Polidano, kien gie ghal habta ta' l-4:00p.m. u kien dam hemmhekk sal-5:30p.m.

Il-*Hairdrasser,* certu Godwin Bellizzi, wkoll kien gie mitkellem mill-Pulizija u dan ikkonferma illi l-imputat kien mar ghandu fil-hanut ghal habta ta' l-4:15p.m. u li kien dam ghandu sal-5:15p.m. Godwin Bellizzi sostna illi hu

dejjem jiftah il-hanut mit-3:00p.m. u x'aktarx John Polidano gie wara l-4:00p.m.

A fol.25, PS 134 Joe Attard jikkonferma r-rapport li kien maghmul minn Diane Sacco rigwardanti s-serq mill-karozza taghha u kienet taghtu n-numru tar-registrazzjoni tal-karozza EAN 359. PS 134 Attard ikkonferma illi ghal habta tas-6:00p.m. kienet regghet giet fl-Ghassa tal-Pulizija u nfurmat lil Pulizija illi l-vettura li kienet involuta f'dan il-kaz, kienet ratha pparkjata fi Triq id-Duluri u li n-numru tar-registrazzjoni taghha kien EAN 349. Is-Surgent Attard stqarr illi Diane Sacco kienet gharfet lill-imputat bhala wiehed miz-zewg persuni li kienu serqulha l-baskett minn gol-karozza taghha. Is-Surgent (a fol.29) ikkonferma illi d-dettalji tal-karozza li kienet taghtu Diane Sacco, kienu jaqblu perfettament mal-karozza ta' l- imputat, hlief ghal numru wiehed. Is-Surgent jghid illi dan in-numru gie korrett minn Diane Sacco stess ftit wara li ghamlet ir-rapport. A fol.30, s-Surgent Attard ipprezenta Dok.JA, okkorrenza.

Spettur Nadia Lanzon (a fol.36) ezebiet l-istqarrija Dok.NL ta' l-imputat.

Fix-xhieda taghha (a fol.39 et seq.) Diane Sacco Decelis ikkonfermat ir-rapport li hija ghamlet mal-Pulizija. Diane Sacco xhedet illi kellha l-*van* ipparkjat illi kien jikkontjeni l-*handbag* illi kienet ghamlitu taht is-*seat* u li sakemm kienet qed tistenna lit-tifel taghha johrog mill-iskola, rat ragel li dahal fil-karozza taghha u hadilha l-*handbag*. Telqet tigri hi u t-tifel fil-*van* u segwiet il-karozza li l-halliel kien dahal fiha. Illi hija segwiet din il-karozza ghal ftit izda t-tifel taghha beda jippanikkja u jibki u ghaldaqstant iddecidiet li tmur taghmel rapport lil Pulizija minflok ma tibqa' ssegwi l-karozza. A fol.40, Diane Sacco, tat id-deskrizzjoni tal-halliel, cioe:

*"Ragel daqxejn tawwali, kellu xagharu maqtughha pulit, liebes qalziet u top u l-qalziet kellu cintorin. Ma nistax niddeskrivi aktar minn hekk."*

Diane Sacco kkonfermat illi l-halliel kien dahal fil-*passenger seat* u mieghu kellu, ovvjament, id-*driver*. A fol.41, Diane Sacco nfurmat lil Qorti li kienet tat in-*number plate* ta' din il-karozza lil Pulizija, pero' ma kienx korrett. Sussegwentement kienet rat din il-karozza pparkjata:

*"Gharaftha mill-ewwel, hija xi haga li tittimbraha go rasek."*

Illi ghaldaqstant kienet tat in-numru kif korrett lill-Ghassa tal-Pulizija. Diane Sacco xhedet illi mill-karozza taghha, kien insteraq il-*handbag* illi kien fih mitt Lira (Lm100) illi kienet ghadha kemm gibdet mill-bank, ic-curkett tat-tieg u misluta wahda. A fol.43, Diane Sacco xhedet illi l-imputat ma kienx il-persuna li serqilha l-*handbag*:

*"Dakinhar it wasn't him definitely."*

Miltuba tghid jekk kinitx f'posizzjoni li taghraf lid-*driver* ta' din il-karozza, tghid illi ma kinitx:

*"Jiena ghidtlu li jekk il-karozza hija tieghu, huwa ghandu konnessjoni maghha."*

Godwin Bellizzi (a fol.45), *Hairdresser* f'hanut li jismu '*Strawberry Blonde'*, '35' *Republic Square,* Zurrieq, ikkonferma li l-hanut tieghu jigi faccata tal-kazin ta' Santa Katerina u li l-imputat, John Polidano kien klijent tieghu. Godwin Bellizzi jikkonferma li dakinhar ta' l-incident, l-imputat kien gie ghandu bejn it-3:00p.m. u l-5:00p.m. u li hu jiftah il-hanut fit-3:00p.m. A fol.46, Bellizzi accetta illi l-Pulizija kien qalilhom illi l-imputat kien gie bejn l-4:15p.m. u l-5:15p.m.

PC 766 Paul Zerafa, ikkonferma l-istqarrija ta' l-imputat (a fol.53)

PC 440 Kenneth Vella Gregory, (a fol.54) ikkonferma illihuwa kien akkumpanja lid-derubata Diane Sacco fil-Forensic Unit fejn hi kienet gharfet *handbag* u dokumentazzjoni taghha, inkluz *credit card*.

PC 1210 James Gauci, (a fol.56 et seq.) ikkonferma li Diane Sacco ghamlet it-tieni rapport taghha meta kienet gharfet il-karozza illi fiha kien dahal l-imputat, kienet tat in-numru tar-registrazzjoni ta’ din il-karozza u cioe EAN 349 minflok EAN 359. PC 1210 James Gauci, ezebixxa l-okkorrenza tieghu Dok.PC (a fol.58 et seq).

Jason Galea (a fol.63) ikkonferma illi huwa xtara *Escort mark 3*, numru ta’ registrazzjoni EAN 349 minghand l-imputat u dana bejn Settembru u Ottubru tat-2002. Huwa xhed illi allavolja kienet oht l-imputat li ghamlet it-*transfer*, huwa kien innegozja biss ma’ l-imputat u li gharfu fl-awla. Jason Galea ezebixxa Dok.JG (a fol.65) bl-iskrittura li biha huwa xtara l-karozza minghand l-imputat.

Christopher Darmanin, Raprezentant ta’ l-ADT, (a fol.73) xhed illi l-karozza EAN 349, *Ford Escort,* kulur griz, kienet inxtrat minn certu Emanuel Portelli, li kienet fit-27 ta’ April, 2001. Din il-karozza giet trasferita b’wirt lil Joseph Portelli ID 348155(M) fit-29 ta’ Lulju, 2002. Fl-istess gurnata, cioe fit-29 ta’ Lulju, 2002, Joseph Portelli kien biegh l-istess vettura lil Carmen Saliba ID 668557(M), imbaghad fis-7 ta’ Ottubru, 2002, din il-vettura daret fuq Jason Joseph Galea, *identity card* 166672(M).

Ray Grech (a fol.79) ikkonferma li l-imputat, John Polidano, kkompleta l-programm residenzjali kontra d-dipendenza tad-droga u li kien qieghed fl-istadju tar-*re-entry.*

Ikkonsidrat:

Illi fil-kaz in ezami, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ma lahqitx il-livell probatorju rikjest mil-ligi kriminali u cioe li tipprova l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni. Dan qieghed jinghad il-ghaliex Diane Sacco ma gharfitx l-imputat bhala l-persuna illi dahal fil-karozza taghha u serqilha l-*handbag* u gharfet biss il-karozza EAN 349. Minkejja illi Diane Sacco, skond l-Ufficjal Prosekutur, xhedet li l-imputat seta’ kien is-

sewwieq ta' din il-karozza fis-serqa meritu ta' l-akkuza, quddiem din il-Qorti, iddikjarat car u tond li hija ma setghatx taghmel identifikazzjoni pozittiva tas-sewwieq il-ghaliex kienet ratu biss minn wara.

Illi di piu', il-konnessjoni ta' l-imputat mal-karozza illi intuzat f'din is-serqa, hija wahda tenwa ghall-ahhar, fis-sens illi l-imputat, John Polidano, qatt ma kien ir-*registered owner* il-ghaliex fid-data li fih sehhet din is-serqa, r-*registered owner* fil-fatt kien miet u s-successjoni kienet ghadha ma gietx konkluza.

Sid il-karozza, Jason Galea, xhed illi l-imputat kien innegozja mieghu fuq din il-karozza, izda pero' kienet oht l-imputat illi wettqet it-*transfer*.

Illi di piu' l-Prosekuzzjoni f'ebda mument ma ezebiet xi *finger prints* elevati minn fuq il-karozza EAN 349, jew alemnu minn fuq ir-resfurtiva meta giet rekoverata wara l-incident, biex b'xi mod tallaccja lill-imputat f'dan l-incident.

Rinfaccata ghal dawn it-tip ta' provi, l-Qorti hi tal-fehma illi sejbien ta' htija f'dan il-kaz iwassal ghal decizjoni li tkun "*unsound and unwise"*.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ma tarax illi ghandha alternattiva ghajr illi ssib lill-imputat, John Polidano, mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------